# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Numru: 4/2015**

Il-Pulizija

vs

**John Mary Axiaq**

iben John, imwieled Pieta', fit-28 ta' Gunju, 1972, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 297572(M)

Illum is-27 ta' Novembru 2020.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant John Mary Axiaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli fit-30 ta' April 2009 u fis-sena ta' qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina specifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta'

awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, liema reat sar fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, *club* jew centru taz-zghazagh jew xi post iehor fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 22(2b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

c) Fil-fond 160, Main Street, Zabbar, cioe` f'post abitat, kellu fil-pussess tieghu jew taht il-kontroll tieghu xi munizzjoni kalibru .38, minghajr licenzja mahruga f'ismu mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5 ta' Dicembru, 2014 fejn il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u t-tieni proviso ghall-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 17(f), (h) u 49 tal-Kap. 9 u l-Artikoli 5(1) u 51(2) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta u l-*proviso* ghall-Artikolu 51(2) tal-istess Kapitolu, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, inkluz tal-addebitu tar-recidiva izda biss ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kkundannatu ghal piena ta' **ghaxar xhur prigunerija effettiva** – li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel

taht arrest preventiv in konnessjoni biss mar-reati li hawn instab hati taghhom – u **multa ta' elf Euro (€1000)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

Il-Qorti kkundannat lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada, ammontanti ghas-somma ta' erba' mija, disgha u tletin Euro u sitta u tmenin centezmu (€439.86), izda mhux l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud, ghaliex kif inghad qabel, il-Qorti ghandha dubji serji dwar kemm din ir-relazzjoni hija ta' relevanza ghall-kaz odjern. L-istess spejjez ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien sena, b'dan illi jekk huwa jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' jum habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Finalment, il-Qorti ordnat d-distruzzjoni tad-droga u l-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, li jinsabu esebiti bhala Dok. PG2, Dok. PG3, Dok. PG7, Dok. PG8 u Dok. PG 9, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Ordnat l-konfiska tal-munizzjon, Dok. PG6 u dan ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 56 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant John Mary Axiaq minnu pprezentat fl-24 ta' Dicembru, 2014 fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza fuq indikata ta' 5 ta' Dicembru 2014 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta bhala Qorti ta' Guridikatura Kriminali u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni ta'piena

Rat l-aggravji tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell jikkonċerna l-preġudizzjali mqanqal mill-Avukat Ġenerali dwar in-nullita' tar-rikors tal-appell peress illi dan ġie ppreżentat *fuori termine*. Mill-eżami li għamlet il-Qorti tal-atti proċesswali jirriżulta illi s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti ggib id-data tal-5 ta' Diċembru tas-sena 2014. L-appell gie intavolat mill-appellant fl-24 ta' Diċembru 2014 u ċioe 12 il-jum tax-xogħol wara, bit-terminu tal-appell allura jibda jiddekorri fid-9 ta' Diċembru 2014, li inzerta l-ewwel jum tax-xogħol wara li nghatat is-sentenza appellata, bit-terminu ta' tmint ijiem tax-xoghol, applikabbli fiz-zmien meta twieled il-jedd tal-appell tal-appellant, jaghlaq fit-18 ta' Dicembru 2014.

Issa l-appellant qiegħed jisħaq illi l-emendi li daħħlu fis-seħħ ghall-artikolu 417(1) tal-Kodici Kriminali permezz ta'l-Att numru 1 tas-sena 2018, fejn it-terminu tal-appell ġie estiż minn tmint ijiem tax-xogħol għal tnax il-jum tax-xogħol, ghandhom japplikaw favur tieghu billi din hi l-ligi l-aktar favorevoli

ghalih u dan sabiex l-appell tieghu jigi salvat u jinghata dak is-smiegh xieraq li ghandu dritt ghalih skont il-ligi.

Madankollu l-Qorti ma tistax taqbel ma' dan l-argument li jaghti effett retroattiv lill-emendi maghmula għall-artikolu 417 tal-Kodiċi Kriminali liema artikolu jiddetermina t-terminu tal-appell minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati. Dan ghaliex fl-ewwel lok ghaliex il-jedd tal-appellant ghal appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati twieled u ddekorra erba' snin qabel ma dahhlu fis-sehh dawn l-emendi fil-ligi meta t-terminu tal-appell kien dak ta' tmint ijiem tax-xoghol. Ir-retroattivita' tal-ligi procedurali kien ikun determinanti li kieku l-emendi dahhlu fis-sehh hekk kif kien ghadu ma iddekorriex dan it-terminu tal-appell bir-rizultat illi b'effett immedjat it-terminu disponibbli favur l-appellant kien jizdied ghal tnax il-jum tax-xoghol.

> **"..... bħala regola, id-dritt proċedurali huwa ta' applikazzjoni immedjata, cioe` applikabbli anke ghall-proċeduri li jkunu diga` ġew istitwiti qabel il-bidu fis-seħħ tal-"proċedura" ġdida."[1]"**

Illi gjaldarba s-sentenza kienet diga' nghatat zmien qabel u t-terminu tal-appell mhux biss ta' tmint ijiem izda ukoll anke dak tat-tnax-il jum kien ilu li lahaq iddekorra meta l-emendi dahhlu fis-sehh, kwindi l-Qorti ma tistax iggebbed dan il-principju ta' retroattivita' ghal kaz taht il-lenti taghha, billi l-proceduri li jaghtu l-jedd ghall-appell lill-appellant kienu maghluqa u mhux aktar 'pendenti'.

Dan qed jingħad ukoll fid-dawl tad-diċitura tal-artikolu 7 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kap 249) fejn ma jidhirx illi l-legislatur, fl-Att I tal-2018, haseb sabiex jaghti effett retroattiv lill-emendi introdotti ghall-artikolu 417 tal-Kodiċi Kriminali.

[1] Il-Pulizija vs George Faenza. App. Inf. 07/01/2005

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-preġudizzjali tan-nullita' tar-rikors tal-appell sollevat mill-Avukat Ġenerali, tiddikjara l-appell irritu u null billi pprezentat *fuori termine* u dan skont il-ligi vigenti fiz-zmien meta gie intavolat, w konsegwentement tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur